MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Numru 982/2010

**PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY PORTELLI
SPETTUR FABIAN
VS
DOMENIC FAVA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Domenic Fava ta’ 38 sena, iben Emanuel u Emanuela nee’ Vida, imwieled Pieta’, nhar it-30 ta’ Settembru 1971 u residenti no.75, Triq San Lazzru, Bormla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 429371(M).

Illi hu akkuzat talli gewwa Rahal Gdid nhar it-22 ta’ Settembru 2010 u fil-gimghat ta’ qabel flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta diversi serq minn gewwa il-Polomba Dry Docks liema fond jinsab gewwa Rahal Gdid, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi

2,329.37 euro bil-vjolenza, u dan sar ghad-detriment tal-imsemmi fond u/jew persuni ohra.

Illi hu akkuzat talli gewwa Rahal Gdid f’xi zmien qabel it-22 ta’ Settembru 2010, flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq mill-power station l-antika li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta’ Kordin, Rahal Gdid, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi 2,329.37 euro bil-vjolenza u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija EneMalta Corporation u jew persuni ohra;

U aktar talli kiser il-provvediment tal-Probation a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 466 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D. datata 9 ta’ Marzu, 2010, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija titratta lil imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikolu 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza saret defenittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxu lAtt tat-twelid u l-fedina penali tal-imsemmi Domenic Fava nitolbu li dan il-kaz jigi nvestigat skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-artikli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 43) that liema artikli l-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-imputat a fol 42 li ddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat ghal akkuzi kif dedotti;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal repensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib l-imputat hati skont l-akkuza u wara li rat artikolu 261, 263, 264, 267, 279(b), 280, Art 31, 49, 50, kollha taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundana lill-imputat ghall-tmintax il-xahar prugunerija. In oltre tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin jawtorizza lill-imputat jibda program ta’ riabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-facilitajiet adetti mal-Facilita Korettiva ta’ Kordin.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-ammisjoni bikrija tal-imputat, il-Fedina Penali rifrattarja tirghu u l-htiega impellanti illi jaghmel programm tar-riabilitazzjoni kontra d-droga.

Il-Qorti tornda komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------